MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 175/2011

**Rita Calleja**

**vs**
**Mark Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici tat-22 ta' Frar 2011 li jghid hekk:

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta' Dicembru 2010, fl-ismijiet Alexandra Dalmas u Rita Calleja vs Mark Micallef et, Citazz. Nru. 463/04GV, (Dok. A) l-istess Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-konvenut u martu kienu responsabbli ghad-danni versu r-rikorrenti Rita Calleja u l-attrici l-ohra fil-kawza Sandra Dalrnas. Dawn id-danni kienu rizultanti mill-fatt illi l-intimat Mark Micallef kien ghamel konvenju sabiex ibiegh appartament lill-attrici u lil Sandra Dalmas, izda wara bosta tigdid tal-istess

konvenju, l-intimat baqa' inadempjent u rrizulta illi l-appartament mertu tal-bejgh ma kienx jezisti, ghax baqa' ma nbeniex mill-istess Mark Micallef;

IIIi l-istess Qorti iddikjarat ukoll illi dawn id-danni kellhom jigu dikjarati f'gudizzju separat;

Illi r-rikorrenti Rita Calleja proprju fuq l-istedina tal-Qorti tal-Appell qieghda taghmel din il-kawza sabiex issir il-likwidazzjoni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni lilha kkagunati;

Illi kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza d-danni kkagunati mill-intimat Mark Micallef jammontaw ghal mhux inqas minn €69,757;

IIIi sehem l-attrici minn dawn id-danni ghandu jammonta ghal, almenu nofs din is-somrna, jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti;

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet premessi I-esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:
I. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici, wara li I-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tat-3 ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet Sandra Dalmas u Rita Calleja vs Mark Micallef et, Citazz. Nru. 463/04, gia ddikjarat li bl-agir tieghu l-konvenut ikkaguna danni lill-attrici;

2. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas id-danni hekk likwidati;

BI-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' sekwestru, u bl-imghaxijiet legali, kontra I-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 2132 u 2156(f) tal-Kodici Civili: dan ghaliex l-attrici qed titlob il-liwkidazzjoni u hlas ta' danni naxxenti minn konvenju datat 29 ta' Marzu, 2000, liema danni aIlura huma danni ex contractu li ghalihom il-

perjodu preskrittiv applikabbli huwa dak ta' hames (5) snin a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. L-attrici (flimkien ma' Alexandra Dalmas) kienu istitwew proceduri gudizzjarji kontra r-rispondent - kawza fl-ismijiet 'Alexandra Dalmas et -vs- Mark Micallef et' (Citaz. Nru. 463/2004GV) biex jinforzaw il-konvenju (filwaqt li t-talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kienu gew ceduti fil-mori tal-imsemmija kawza) u din il-kawza giet definittivament deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-3 ta' Dicembru, 2010. L-artikolu 2132(1) tal-Kodici Civili jipprovdi illi l-preskrizzjoni tista' tinkiser b'talba gudizzjarja - kif gara fil-kaz odjern bil-prezentata tal-kawza fl-isrnijiet 'Alexandra Dalmas et -vs- Mark Micallef et' (Citaz. Nru. 463/2004GV) - izda l-istess dispozizzjoni tal-ligi tghid illi l-ksur tal-preskrizzjoni jitqies bhallikieku ma sarx jekk l-attur jirrinunzja ghat-talba, kif fil-fatt ghamlet l-atrici odjerna meta fil-kors tal-fuq imsemmija kawza fl-ismijiet 'Alexandra Dalmas et -vs- Mark Micallef et' (Citaz. Nru. 463/2004GV) cediet it-talbiet kollha relattivi ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni. Ghaldaqstant it-talba attrici hija perenta ghaliex il-ksur tal-preskrizzjoni bl-istituzzjoni tal-kawza t-talbiet ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni ma jiswiex ghar-raguni hawn imfissra. Oltre dan, anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, dato ma non concesso, kellhom ma igux applikati ghall-kaz odjern id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 2132(1) tal-Kodici Civili, xorta wahda japplikaw b'mod invincibbli d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 2132(2) tal-Kodici Civili illi jipprovdi li t-talba ghandha terga' tingieb 'il quddiem fi zmien xahar minn dakinhar li t-talba tkun giet michuda, xi haga li kjarament u manifestament l-attrici naqset milli taghmel ghaliex is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet 'Alexandra Dalmas et -vs-Mark Micallef et' (Citaz. Nru. 463/2004GV) inghatat mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fit-3 ta' Dicembru, 2010 filwaqt li l-attrici istitwiet il-kawza odjerna fit-22 ta' Frar, 2011, ferm izjed tard mit-terminu perentorju ta' xahar preskritt fl-artikolu 2132(2) tal-Kodici Civili;

2. Preliminarjament ukoll, izda sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-attrici odjerna Rita Calleja ma tistax tippromwovi l-kawza odjerna wahedha u

minghajr l-assistenza tal-ko-attrici l-ohra fil-kawza fl-ismijiet 'Alexandra Dalmas et -vs- Mark Micallef et' (Citaz. Nru. 463/2004GV) stante li d-drittijiet naxxenti mill-konvenju datat 29 ta' Marzu, 2000 kienu jispettaw lilha u lill-ko-attrici l-ohra Alexandra Dalmas solidalment bejniethom u ghaldaqstant l-attrici ma tistax tippromwovi din il-kawza wahedha kif ghamlet;

3. Illi, sussidjarjament u assolutament minghajr ebda pregudizziu ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi r-rispondent ma kkawza ebda danni lill-attrici l-attrici m'ghandha ebda dritt li tirreklama ebda danni min ghand ir-rispondent;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz il-process fl-ismijiet Alexandra Dalmas et vs Mark Micallef et (463/2004) li ghalih saret referenza mill-partijiet, u nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-13 ta' Frar 2012.

**Ikkunsidrat**
**Preskrizzjoni 2156(f) u artikolu 2132(2) Kap. 16**

Il-konvenut qed jilqa' ghat-talbiet attrici in via preliminari billi jissottometti illi t-talba attrici ghad-danni li huma ex contractu billi naxxenti minn konvenju huma preskritti bil-perjodu applikabbli ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

Minghajr pregudizzju qed jissottometti li jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tintlaqax jekk jigi accettat li t-talba gudizjarja mressqa fil-kawza Dalmas et vs Micallef et 463/2004 deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Dicembru 2010 kisret it-terminu preskrittiv u in corso xorta japplika l-artikolu 2132(2) fejn talba ghandha tingieb fi zmien xahar minn mindu dik it-talba tigi michuda u f'dan il-kaz it-talba ghad-danni giet presentata fit-22 ta' Frar 2011 cioe aktar minn xahar wara li s-sentenza fuq imsemmija marret in gudikat.

**Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti. L-attrici odjerna flimkien ma’ terz dahlu f’konvenju mal-konvenut odjern fid-29 ta’ Marzu 2000 biex jixtru proprjeta immobbli. Jirrizulta mill-atti tal-kawza msemmija fl-ismijiet Dalmas et vs Micallef et illi l-attrici u Dalmas talbu lil Qorti biex tordna lill-konvenuti Micallef jersqu ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt billi dawn tal-ahhar naqsu milli jaddivjenu ghal kuntratt. Talbu wkoll li jekk il-kuntratt ma jistax isir, il-konvenuti jigu dikjarati responsabbli ghad-danni u li jigu likwidati l-istess danni. B’nota pprezentata fl-2008 fil-mori tal-kawza, l-attrici cedew it-talbiet ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni b’riserva li jippromovu din it-talba kemm il-darba l-Qorti tiddeciedi li hemm responsabilta ghad-danni.

B’sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-3 ta’ Dicembru 2010 il-Qorti laqghet l-appell tal-konvenut Mark Micallef in kwantu irrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn ordnat il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti fejn sabet lil konvenut Mark Micallef responsabbli ghad-danni ghax il-bejgh mertu tal-konvenju ma setghax isir bi htija tal-istess konvenut.

In segwitu ghal din is-sentenza l-attrici Rita Calleja fethet il-kawza odjerna ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, liema talbiet kienu gew irtirati fil-kawza Dalmas et vs Micallef et.

**Ligi**

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi d-dekors ta’ zmien ghal finijiet tal-preskrizzjoni citata mill-konvenut jibda jiddekorri minn meta l-azzjoni setghet tigi ezercitata (**Giovanni Schembri vs Michele Mizzi, vol XXIX II 103)**.

Kif illum hu principju assodat fil-gurisprudenza nostrana jekk bniedem ikun jaf bi stat ta’ fatt li jkun jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta’ fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt tieghu u lanqas almenu ma jipprotesta jew jintavola atti jew proceduri interruttivi, allura

t-titolar ta' dak id-dritt jista' jitqies fic-cirkostanzi kongrui li jkun irrununzja ghal prosegwiment ta' dak id-dritt (**Carmelo Calleja vs Carmelo Sciortino**, PA 30/11/1971 Imhallef Maurice Caruana Curran).

In linea ma' dawn il-principji issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Bartolomeo Xuereb vs Carmelo Zammit** li qalet hekk:

"Meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizjarja tista' tinbeda wara dik is-sentenza, u li, ukoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta' x'kienet il-pozizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car illi tali sentenza ma ghandha ebda relevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata, u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."

Fil-kaz quddiem din il-Qorti d-dritt ghad-danni insorga mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Dalmas et vs Micallef et deciza fit-3 ta' Dicembru 2010. L-attrici odjerna kienet ikkawtelat dan id-dritt fil-kawza precitata b'talba ad hoc, u dan bhala alternattiva ghat-talba principali f'kaz li jirizulta li l-kuntratt ta' bejgh ma setghax isehh. Il-Qorti tal-Appell waslet ghal konkluzzjoni li l-kuntratt ta' bejgh ma setghax isehh u accediet <u>ghat-talba ghal kundanna tal-konvenuti ghad-danni kif mitluba mill-istess attrici u Dalmas</u>.

Kwindi din il-Qorti ma tqis illi l-attrici halliet id-dritt taghha jghaddi bla ma kkawtelat l-istess dritt. Dan id-dritt ghad-danni gie kawtelat fil-kawza Dalmas et vs Micallef et li nfethet fl-2004 u ghalhekk inqas minn hames snin wara li sar il-konvenju mertu tal-vertenza u dan dejjem skond il-preskrizzjoni allegatament applikabbli fil-kaz odjern.

Kwindi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghad-dritt innifsu li jigu reklamati danni ma sofra ebda pregudizzjoni bid-dekors taz-zmien preskrittiv skond l-artikolu 2156(f). Ma saret ebda rinunzja ghad-drittijiet taht l-artikolu 2132(1)

tal-Kap. 16 kif issottometta l-konvenut peress illi t-talba biex il-konvenut jinsab responsabbli ghad-danni fil-konfront tal-attrici fil-kawza l-ohra qatt ma giet irtirata u baqghet invigore tant li l-istess sentenza kkundannat lil konvenut ghad-danni skond talba specifika tal-attrici.

Lanqas ma jista' jinghad illi t-talba odjerna ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni saret wara d-dekors taz-zmien preskrittiv billi din il-kawza infethet ftit xhur wara s-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010 u fejn allura kull terminu preskrittiv ghal dawn it-talbiet imressqa f'din il-kawza beda jiddekorri mid-data tas-sentenza li laqghet it-talba ghad-danni favur l-attrici, billi t-talba ghal likwidazzjoni u hlas hi wahda sussidjarja ghat-talba principali tar-responsabilta ghad-danni u kull terminu preskrittiv ghal likwidazzjoni u hlas jista' jiddekorri biss minn meta ezista d-dritt innifsu ghall-istess danni.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Il-konvenut pero jissottometti wkoll illi anki f'kaz ta' ezitu negattiv a bazi tal-artikoli 2156(f) u 2132(1) xorta jibqa' insormontabbli d-dispost tal-artikolu 2132(2) li jghid li jekk it-talba ma tingiebx b'xahar zmien minn dakinhar li t-talba tkun giet michuda, ceduta jew marret dezerta allura ma tistax terga' tigi ezercitata.

F'dan il-kaz, dan id-dispost tal-ligi ma japplikax ghal kaz odjern ghax ic-cessjoni tat-talbiet ta' likwidazzjoni u hlas saret mill-attrici bla pregudizzju ghad-decizjoni fuq it-talba principali konnessa maghhom cioe t-talba ghal responsabilta ghad-danni. Id-dritt ghad-danni kif fuq inghad insorga mis-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010. Dan hu d-dritt li kellu jig kawtelat kontra l-perjodu preskrittiv sollevat u fil-fatt gie kawtelat u gie rikonoxxut u moghti lill-attrici fis-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010. Il-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni huma biss konsegwenzi korollari ghad-dritt principali, u dipendenti fuqu, liema dritt ghal likwidazzjoni u hlas jibda jimxi kontrih iz-zmien minn dakinhar li jigi stabbilit id-dritt principali li jaghti lok ghal likwidazzjoni tad-danni gudizjarjament rikonoxxuti, u mhux qabel. L-artikolu 2132(2) f'dan il-kaz jirriferi ghad-dritt

innifsu cioe ghar-responsabilta ghad-danni, liema dritt baqa' u ghadu mhux mittifes sallum. L-artikolu 2132(2) hu allacjat mad-dritt jew jedd innifsu mhux mal-konsegwenzi cioe drittijiet ohra li jistghu johorgu minnu b'konsegwenza ta' rikonoxximent gudizjarju tad-dritt. Jinghad b'ezempju illi wiehed jista' jaghmel kawza ghal dikjarazzjoni ta' responsabilta ghad-danni biex f'kaz ta' ezitu pozittiv ikun jista' jkompli bit-tieni fazi cioe likwidazzjoni u hlas minghajr ma jista' jigi objettat fil-konfront tieghu terminu preskrittiv basta li t-talba gudizjarja ghal likwidazzjoni u hlas issir fit-terminu li trid il-ligi li jibda jiddekorri mid-data li fih ikun gie stabbilit id-dritt ghad-danni. Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Solidarjeta tal-azzjoni**

Il-konvenut isostni illi din il-kawza kellha ssir mill-atturi kollha fil-kawza Dalmas et vs Micallef et li stabbiliet il-jedd tal-attrici ghad-danni, u dan peress illi d-drittijiet stabbiliti mill-konvenju li ta' lok ghad-danni kienu jispettaw lill-attrici u lill-Alexandra Dalmas solidament bejniethom.

Harsa lejn il-konvenju datat 29 ta' Marzu 2000 a fol. 5 tal-process 436/2004, juri illi Dalmas u l-attrici Calleja dehru flimkien u obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw l-appartament in kwistjoni. Ma sar ebda referenza fil-konvenju f'liema kwota qed jinxtara l-appartament u kwindi hemm il-prezunzjoni li l-appartament kien qed jinxtara minn Dalmas u l-attrici fi kwota ugwali bejniethom. L-obbligazzjoni tax-xiri tal-appartament in mankanza ta' kondizzjoni cara fl-istess konvenju hi solidali billi l-obbligazzjoni hi minnha nfisha indivizibbli (artikolu 1115 Kap. 16).

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti pero mhix dwar l-obbligazzjoni naxxenti mill-konvenju, izda d-dritt ghad-danni stabbilit favur l-attrici u Alexandra Dalmas kontra l-konvenut naxxenti mill-effett ta' nuqqas ta' adempiment u possibilta ta' esekuzzjoni tal-konvenju da parti tal-konvenut Micallef.

Il-konvenut qed jikkontendi li l-azzjoni messhom ghamluha Dalmas u l-attrici flimkien billi l-kreditu hu wiehed solidali. Hu risaput illi s-solidarjeta mhix prezunta u s-sentenza tal-Qorti tat-3 ta' Dicembru 2010 imkien ma qalet illi d-dritt tal-atturi hu wiehed solidali. Stabbilit biss li l-atturi ghandhom jedd ghad-danni li sofrew. L-attrici qed titlob infatti nofs id-danni li qed jigu mitluba li jigu likwidati u dan qua sehemha minn nuqqas ta' adempiment tal-konvenut tal-obbligazzjoni tieghu naxxenti mill-konvenju li ta' lok ghad-danni. Il-ligi ma taghmel ebda divjet li kreditur minn bosta jitlob is-sehem spettanti illi sakemm dan ikun kreditu divizibbli u komuni ghall-istess kreditu tant hu hekk illi l-artikolu 1093 tal-Kap. 16 ighid li jekk wiehed mill-kredituri in solidum jahfer id-debitu, din il-mahfra tkun operativa biss favur il-kreditur li ghamel il-mahfra u mhux l-ohrajn. L-attrici ma hi titlob xejn aktar minn dak spettanti lilha bhala sehemha cioe nofs il-quantum ta' danni li semmai jistghu jigu likwidati b'dan il-gudizzju. Din it-talba hi paragunabbli ma dak li sehh fil-kawza fl-ismijiet **Gio Maria Vella et vs Giovanna Bonanno**, App Kumm 22 ta' Jannar 1954 fejn f'materja ta' kera ta' zewg fondi b'kera uniku appartenenti lil zewg sidien il-Qorti qalet li l-unicita tal-kera komuni ghaz-zewg fondi ma jfissirx li hemm solidarjeta attiva fis-sidien tal-kera izda kull wiehed mis-sidien ghandu dritt ghal sehmu billi l-kera hi divizibbli u fl-assenza ta' ftehim appositu bejn is-sidien ma hemmx solidarjeta.

U hekk sehh f'dan il-kaz fejn ghalkemm id-dritt ta' danni stabbilit fis-sentenza tat-3 ta' Dicembru 2010 hu wiehed, pero kull kreditur tad-dritt stabbilit ghandu l-jedd li jfittex ghal sehmu minn dak id-dritt billi ma jirrizulta ebda solidarjeta naxxenti mid-dritt ghad-danni.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decide**

Il-Qorti ghalhekk taqta'  u tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez kontrih.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------